TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

IMHALLEF

ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 453/97

MaryAnne Grech

vs

Korporazzjoni Telemalta u b' digriet tad-29 ta' Dicembru 1998 Maltacom p.l.c.

Illum 27 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremettiet illi r-rikorrenti bejn Mejju 1987 u Mejju 1995 garrbet ingustizzji fuq ix-xoghol billi nghatat transfers vendikattivi u billi ma inghatatx il-promozzjonijiet li kienu jixirqulha.

Illi r-rikorrenti giet impjegata mal-Korporazzjoni fil-1986 fil-grad ta' skrivana u l-ewwel giet 'posted' fil-Personnel Section u wara giet trasferita ghall-'Overseas' Section. Fil-1990 hija giet infurmata b' telefonata d-dar li kienet giet ittrasferita ghal test Room fil-Marsa fejn nisa qatt ma hadmu. Hemm ma setghetx tidra, mardet u meta kienet bis-sick leave irceviet tlett darbiet informazzjoni li kienet giet ittrasferita f'post wara l-iehor. Wara l-kaz taghha tressaq quddiem il-Ministru giet ittrasferita ghad-Dipartiment tas-Sales fil-Belt. Wara ttrasferuha ghas-sezzjoni tal-Waiting list il-Marsa u wara tlett xhur ittrasferuha ghall-Mosta Exchange izda impjegata li kienet toqghod il-Mostga talbet li tmur hija hemm. Wara hija giet ittrasferita ghall-B'Kara Exchange. Ma kienx hemm gustifikazzjoni ghal dawn il-kwantita' ta' transfers li ma kienux hlief diskriminatorji u vendikattivi.

Illi r-rikorrenti li kellha l-grad ta' Clerk I applikat tlett darbiet fil-perijodu in kwistjoni ghall-promozzjoni ghall-grad ta' Executive Officer. Ma nghatax il-promozzjoni u f'xi kazi lanqas ma sejhulha ghall-interview. Impjegati ohra li gew impjegati mal-Korporazzjoni wara l-1987 inghataw promozzjoni ghall-EO, hafna minnhom hafna 'junior' ghar-rikorrenti u lum jinsabu jokkupaw il-grad ta' Assistant Principal.

Illi bl-ingustizzji imsemmija r-rikorrenti sofriet dannu morali u finanzjarju.

Ghaldaqstnat ir-rikorrenti talbet li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti msemmija skond l-Att VIII tal-1997 u jiddikjara li r-rikorrenti garrbet ingustizzji fl-impieg bin-numru kbir ta' transfers li nghatat u bic-cahda tal-promozzjoni ghall-grad ta' Executive Officer u billi t-Tribunal jaghti rimedju xieraq lir-rikorrenti billi jiddikajara li ghandha titqies li giet promossa ghall-grad ta' EO mid-data li tigi stabbilita u li tinghata l-hlas kollu li hija tkun tilfet u fin-nuqqas ta' dan billi r-rikorrenti tinghata somma adegwata halli taghmel tajjeb ghad-dannu morali u ghat-telf finanzjarju li hija sofriet u qed issofri mhabba l-ingustizzji li garrbet.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Telemalta, eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni ma ghamlet ebda ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebit mar-rikorrenti fit-termini tal-ligi u lanqas ma cahdet lir-rikorrenti minn xi promozzjoni li kien haqqha.

2. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati u t-trasferiment taghha sar regolarment fil-korsa normali tax-xoghol tal-korporazzjoni u minhabba esigenzi tas-servizz.

3. Illi f'kull kaz ir-rikorrenti ma batiet ebda danni jew hsara kif allegat minnha.

4. Illi dwar il-promozzjoni ghall-grad ta' Executive Officer is-sejha ghall-applikazzjonijiet kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrenti kienet applikat pero m'ghaddietx billi gabet biss 30 marka minn 100. Ta' min isemmi wkoll li n-numru ta' vakanzi kien limitat tant li anqas gew promossi dawk kollha li ghaddew.

5. Illi l-marki li gabet ir-rikorrent kienu mqassmin hekk: 4 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 8 minn 25 marka ta' l-esperjenza; 4 minn 25 marka tal-kwalifiki; 6 minn 20 marka ghal personalita`/ present secion; 5 minn 10 marki ghal Other Sections; u 3 minn 10 marki ghal General Knowledge.

6. Illi r-rikorrenti riedet tissostanzja l-allegazzjoni taghha li kien hemm haddiehor li minkejja li kien kwalifikat anqas minnha inghata vantagg mhux misthoqq fuqha. Il-korporazzjoni irrizervat li twiegeb ghal din l-allegazzjoni u tressaq xhieda dwarha meta r-rikorrenti taghti dettali ahjar.

7. Ghaldaqstanti il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra taghha.

Ra l-lista tax-xhieda tal-Korporazzjoni Telemalta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra li r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn ikkonfermat il-kontenut tar-rikors, ghalkemm ikkoregit parti mit-tielet paragrafu fl-ewwel pagna tar-rikors li hi applikat ghal Executive Officer darba u mhux tlett darbiet. Sostnit li qatt ma qalulhom il-marki li nghataw ghall-interview. Ma qablitx mal-marki li nghatat.

L-ewwel kienet fil-personnel section imbaghad wara l-overseas section, it-test room il-Marsa, u wara offrewla tmur is-sezzjoni tal-faults 133 li kienet stazzjonata Birkirkara izda hi ma kienitx marret u wara qalula biex tmur is-sezzjoni tal-190 izda hi ma marritx hemmhekk lanqas. Wara irrangawla biex tmur is-sales office. Wara dawk is-sentejn rega hareg transfer iehor ghall-Marsa ghas-sezzjoni tal-waiting list. Wara tlett xhur hareg transfer iehor ghal Mosta exchange.

Fl-istess zmien persuna ohra offriet li tmur hi l-Mosta u ghalhekk r-rikorrenti baqghet fil-waiting list ghal xi erba' snin. Wara baghtuha l-planning section Birkirkara. Qatt ma nghatat raguni ghal dawn it-trasferimenti kollha. Kieku baqghet fl-overseas section kienet tahdem bis-sistema tax-xift u kieku il-lum gholit hafna fil-grad bhan-nies l-ohra li kienu jahdmu hemmhekk.

Lino Debono segretarju tat-taqsima Parastatali tal-General Workers Union u ilu segretarju minn Mejju 1986 xehed li r-rikorrenti qabel kienet Telephone Operator u li imbaghad ma baqghetx Telephone Operator, peress li kienet hadet diversi transfers. Fil-kwistjoni tat-transfers dak iz-zmien, semma li kienu hargu diversi transfers, pero' huma ma dahlux fiha u ipprotestaw ghax ma setghux peress li hija ma kelliex il-grad ta' Telephone Operator izda kien hemm nies ohra li kienu fl-istess sitwazzjoni bhalha li hallewhom hemmhekk u ma gewx trasferiti. Qal li jaf li hija ma nghatatx l-ebda raguni ghat-trasferiment taghha.

Tommy Roberts ipprezenta sick leave record tar-rikorrenti mill-1986. Ipprezenta r-rapport tal-bord ta' l-ghazla flimkien mar-rizultat u kopja tas-sejha ta' l-applikazzjonijiet. Semma li veru kienu hargu zewg applikazzjonijiet wara xulxin pero' dawn kienu gew iddropjati, kien hemm problema fuq ir-requisites mal-GWU u li dak iz-zmien il-bord tad-diretturi kien qed jitlob nies b'certu kwalifiki u l-GWU ma hassitx li kellhom ikunu daqshekk kwalifikati. Finalment ma kienx hemm qbil u kienet waqfet is-sejha ghall-applikazzjoni.

Esebixxa c-cirkolari tal-General Manager fuq it-trasferiment tar-rikorrent wahda tad-9 ta' Novembru li qed jghid illi Maryanne Grech hija giet trasferita minn Birkirkara overseas, u ohra l-istess tas-6 ta' Dicembru fejn mis-section tal-144 marret ghas-sales office il-Belt, u ta' l-4 ta' Awissu 1992 fejn hemm it-trasferiment mis-sales office l-Belt ghall-waiting list.

**KONKLUZZJONIJIET:**

L-ilment tar-rikorrenti jrid jigi ezaminat taht zewg aspetti u cioe'

- Nuqqas ta' promozzjoni ghal Executive officer; u
- Effett tat-transfers.

***Nuqqas ta' promozzjoni ghal Executive officer:***

Il-partijiet ghamlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Nathalie Attard vs Maltacom p.l.c. deciza mit-Tribunal fl-24 ta' Ottubru, 2001. Hawn insibu:

"Illi ghalhekk biex jasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk saritx ingustizzja mar-rikorrenti mill-Maltacom, dan it-Tribunal irid f'dan il-kaz l-ewwel jara jekk sarux ingustizzji fl-ghoti tal-promozzjonijiet u wara jara jekk ir-rikorrenti haqqix l-ghoti tal-promozzjoni.

Fl-analisi ta' dak li sar irrizulta li:

l-artiklu 15 tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 1/10/86 sat-30/9/89 jghid "In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the requirements of the job and the merit, qualifications, aptitude, experience and seniority of those being considered for promotion or the filling of vacancies. Fil-fatt is-Selection Board ma mexiex ezatt skond il-kriterji stabbiliti f'dan il-ftehim ghax ghalkemm seniority, experience, u qualifications huma imsemmija specifikament fil-ftehim kollettiv, zdiedu personality, other

sections u general knowledge, waqt li thallew barra **merit** u **aptitude.** L-aktar li hu preokkupanti huwa li dawn jidhru jaghtu wisq importanza lil elementi suggettivi u mhux tant dawk oggettivi bhal seniority u kwalifiki.

Is-selection Board halla tibdil tan-nomenklatura kif imsemmi wkoll mill-Bord ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet;

Irrizulta li diversi haddiema li mhux suppost inghatw marki jew mhux daqshekk hadu marki; diversi haddiema li ma kellhomx kwalifiki inghataw punti fil-qasam tal-kwalifiki.

L-allokazzjoni tal-marki ta' hafna haddiema fil-qasam ta' esperjenza huwa manifestament zbaljat;

il-komputazzjoni tal-marki ta' xi whud hija zbaljata;

ir-rizultati ma gewx ippublikati xhur wara li hargu. Wara zmien l-impjegati setghu jaraw biss il-marka totali taghhom, u xi sena u nofs ilu dawn il-marki kienu tpoggew ghad-dispozizzjoni tal-haddiema tat-Telemalta;

il-personal files tal-applikanti ma gewx ezaminati;

Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li saru kwantita' kbira ta' irregolaritajiet fl-ghoti tal-promozzjonijiet. B'hekk diversi nies li ma kiex haqqhom jigu moghtija promozzjoni inghataw l-istess promozzjoni. Certament it-Tribunal mhux qieghed

jezamina l-aspett tal-ingustizzji b'mod li jindahal f'min gja ha promozzjoni meta mhux suppost ghax dwar dan ma jista' jaghmel xejn, izda ghandu l-obbligu li jipprova jaghmel l-ahjar tieghu biex jirrimedja l-ingustizzji li saru. Dan spiss hu ferm difficli.

Biex tigi mnaqqsa din l-ingustizzja manifesta hemm bzonn li dan it-Tribunal jalloka xi marki ohra fejn ikun il-kaz u b'hekk minn gie ingustament imholli barra ikun jista' jibbenefika mill-process odjern. Biex dan isir u kemm jista' jkun b'mod oggettiv l-allokazzjoni tal-marki trid tigi modifikati li l-kriterju oggettiv dwar seniority [snin ta' servizz] jinhadem fuq bazi ta' 20 marka, u Kwalifiki fuq bazi ta' 40 marka u b'hekk il-kwalifiki oggettivi ikollhom 60%. Experience tinzel ghal 15, Personality 15, Other Sections 5, u General Knowledge 5. Dan l-esercizzju jrid isir mit-Tribunal biss fil-kaz ta' min applika. Ghalkemm it-Tribunal mhux sejjer imiss il-marki, hlief ghal kif inghad, fil-kriterji ta' other sections, u general knowledge, jekk ikun il-kaz irid jara jekk il-marka dwar personality hijiex gusta.

Ukoll ir-rikorrenti irid mhux biss li ssirilhom formula matematika li biha l-marki allokati jigu sostitwiti; izda fejn pruvat li saru zbalji dawn il-marki jridu l-ewwel jigu modifikati b'mod li jekk dawk li hadu l-promozzjonijiet inghataw ghall-istess kwalifiki bhar-rikorrent 10 marki, bl-istess mod irid li r-rikorrent jinghata dawn il-marki.

Fl-ahhar nett jigi rilevat li biex persuna tiehu l-promozzjoni ma kienx sufficjenti li jghaddi izda ried jidhol fil-cut-off section tal-promozzjonijiet. Hawn ukoll trid issir kunsiderazzjoni ohra; kawza ta' dak li sar numru ta' nies [xi terz ta' dawk li saru] u li hadu l-promozzjoni ma kienux johduha b'mod li l-cut-off irid jizdied b'terz."

***Kunsiderazzjonijiet specjali:***

B'dak li intqal fuq il-marki tar-rikorrenti ghandhom jigu revizi b'dan il-mod:

Dwar ***years of service*** ir-rikorrenti trid tinghata 3;

Dwar ***experience*** ir-rikorrenti inghatat 8 meta l-marki li inghataw ghal nies ta' 4 snin servizz kienu bejn 6 sa 18; it-Tribunal ihoss li kienet tkun marka aktar ekwa 12; bil-formula hawn fuq imsemmia din ssir 7;

Dwar ***kwalifiki*** rrizulta li r-rikorrenti kella GCE pero' ma pproducitx provi dwar f'kemm il-suggett. Qabel inghatat 4; izda bil-formola ta' hawn fuq din trid taqra 7;

Dwar ***personality*** ir-rikorrenti nghatat 6; it-Tribunal ihoss li kellha tinghata 11 u ghalhekk bil-formola fuq imsemmija ssir 8;

Dwar ***Other Sections*** ir-rikorrenti nghatat 5 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 3;

Dwar ***General Knowledge*** ir-rikorrenti nghatat 3 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 2;

Dan itella' t-total tal-marki tar-rikorrenti ghal 30. Ghalhekk xorta wahda r-rikorrenti ma lahqitx l-marka necessarja ghall-promozzjoni u dwar dan l-aspett jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata.

***L-ilment dwar it-Trasferimenti:***

Jibqa' li wiehed jezamina l-ilment tar-rikorrenti dwar transfers. Irrizulta li r-rikorrenti inghatat kwantita kbira ta' transfers. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issa fil-kaz in ezami ma inghatat ebda raguni valida ghal dik il-kwantita' ta' transfers. Peress li ghalhekk isib l-ilment fuq dan l-aspett gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000]

Spejjez bla taxxa.